2023/2152

11.10.2023

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2152**

**tad-9 ta' Ottubru 2023**

**li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Taljan,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Vincenzo BIANCO sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Antonio DECARO bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni, ser isir vakanti s-siġġu ta' membru supplenti.

(5) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Antonio DECARO, rappreżentant ta' korp reġjonali jew lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Sindaco del Comune di Bari* (Sindku tal-Muniċipalità ta' Bari), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Mejju 2024.

(6) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Sandrino AQUILANI, rappreżentant ta' korp reġjonali jew lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Sindaco del Comune di Vetralla* (Sindku tal-Muniċipalità ta' Vetralla), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Antonio DECARO, *Sindaco del Comune di Bari* (Sindku tal-Muniċipalità ta' Bari), sal-31 ta' Mejju 2024,

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Sandrino AQUILANI, *Sindaco del Comune di Vetralla* (Sindku tal-Muniċipalità ta' Vetralla), għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-9 ta' Ottubru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
Y. DÍAZ PÉREZ